# Lehen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)


**Is-Sitt Sena** **Frar 1937** **Għadd 72**

**1d.**

Mitbugħ fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ

**FRAR 1937]** **IS-SITT SENA** **[Ghadd 72**

## Kliem tal-Prof. Dun P.P. Saydon B.Lit.,D.D. lit-tfal tal-Liċeo

(*Meħud mill-Lyceum Quarterly Magazine ta' Frar*)

Tfal,

Dawn il-jiem ta' ferħ, ta' xewqat, ta' hena, ta'risq u ta' ġid, irrid jien ukoll infissrilkom l-isbaħ xewqat tiegħi għas-sena l-ġdida u għal għomorkom kollu. U għax dawn ix-xewqat ħerġin mill-qalb biex jidħlu fil-qalb, irrid nagħtihomlkom bl-ilsien ta' qalbna l-koll, bil-Malti.

Tfal,

Dawn is-snin ta' tagħlim huma għalikom snin ta' tħarriġ, snin ta' thejjija għall-ħedma ta' ħajjitkom. Ikun liema jkun is-sehem ta' xogħolkom fis-snin li ġej-jin, qisu li jkun dejjem imdawwal mid-dawl tal-kobor ta' artkom. Il-kobor ta' pajjiż jinqies mill-kobor ta' wliedu, u l-kobor ta' wliedu jinqies mill-kobor ta' għamilhom u ta' ħsebijiethom. Għamil u ħsebijiet kbar jagħmlukom nies kbar u, bħala nies kbar, intom tagħmlu kbira l-gżira żgħira tagħna. L-ewwel u l-aqwa ħsieb li ma għandkom tneħħu qatt minn moħħkom hu li intom Maltin. Għoż-żuh dan l-isem, għax hu isem mogħti lilna mis-Sema. Għożżuh, għax fih hemm miġbura l-ħajja tagħna.. Min ma jħobbx lil dan l-isem, ma jħobbx lilu n-nifsu, u min ma jħobbx lilu n-nifsu ma jħobbx lil għajru. Dan hu d-dawl li għandu jmexxikom tul ħajjitkom kollha u li jien nixteqilkom bil-qalb. Maltin illum, Maltin għada, Maltin dejjem u kullimkien; żgħar imma kbar, għax nis-semmew b'isimna; żgħar imma kbar, għax isimna, b'dak kollu li jfisser, hu mħares b'għożża ta' omm mill-akbar u mill-aqwa bandiera, l-bandiera Ingliża.

# ĦABBEJT U MA TJASSARTX

*Lis-Sur Ġ. Aquilina B.A.*, u *s-Sur Ġ. Chetcuti.*

U jien twelidt ukoll ! Mhix ħtija tiegħi.
Smajt li kont trab u trab għad nerġa' nsir.
Ma nafx kif ġejt jew għax ġejt jien, mhux ieħor
Naf biss li jiena ta' dil-ħajja lsir.

Il-ħajja ħolma, smajthom jgħidu, u tgħaddi
tiġri bħal sħaba li jtajjarha r-riħ.
Mela din ħajti sħaba u ħolma. U f'ħajti
jien inġarrab u għadni nġarrab sħiħ.

Għax jiena bniedem bħal l-oħrajn. U nqisni
damma ta' sħab u ħolm, hena ta' xejn.
Iżda fil-għera tax-xejn tiegħi nara
li trid tbati mhux ftit f'dawn il-jumejn.

Il-ħila żżommni. Xejn ma jsir fid-dinja
mingħajr tbatija jew mingħajr taħbit.
Jien bit-taħbit u bit-tbatija nsaqqi
siġriet l-imħabba tal-bniedem sikwit.

X'inhi l-imħabba ? Minn fejn ġiet ? Kif tnisslet ?
Min żeragħha fil-qasam tal-ħolqien ?
Hi ruħ il-ħajja. Bidu tagħha. Lwienha.
U żeragħha fuq l-art Sid il-għixien.

Għalhekk l-imhabba mhix nuqqas jew ħażen,
iżda milja ta' ġid. Jiġi l-ħażin
meta bl-imħabba ma ninqdewx kif jixraq.
U jien ħabbejt ukoll, żagħżugħ miskin !

Iżda qatt ma ħallejt tfajla tjassarni,
u qatt ma lbist sabiħ biex nuri x'jien:
ġidi w imħabbti kelmti biss, li rdajtha
minn sider ommi, l-egħżeż wirt fiż-żmien.

Għax jien noboghdu l-qerq u qatt ma ħimiltu.
Bil-għera li twelidt irrid immut.
Jiena l-imħabba ma nħallasx għaliha !
Għall-jasar ma nistadx f'baħar bla xtut !

Ħabbejt u ma tjassartx. It-tfajla tiegħi
l-għanja ta' qalbi, li saritli xemx
ta' mħabba kbira, mħabba safja, mħabba
li fiha qlub oħra bħalha sewwa m'hemmx.

Jien ngħix bil-ħolm. Il-ħolm saltnati. Ħajti
f'ġufu, mnejn ħarġet, l-hena ssib u s-sliem.
Sakemm idum il-ħolm, ħajti tibqagħli !
Jekk qatt ma jonqos, qatt ma jkollha tmiem !

KARMENU VASSALLO

# L-IXKORA

## ATT WIEĦED

*Mibni fuq ġrajja li ħallielna miktuba l-qaddis Erardu wara żjara li hu radd lill-insara mxerrdin fix-xagħri. Għâx fis-seklu 500.*

Min jidher:

*L-abbati u sitt Irhieb.*

Maqdes ċkejken u baxx f'nofs ta' qatgħa art fejn il-ħaxix jikber magħqud u ħadrani taħt is-siġar tat-amar. Il-maqdes fuq in-naħa tal-lemin. In-naħa tax-xellug tgelgel għajn. Mad-dwar u fil-bogħod, sa fejn twassal l-għajn, ramel u blat, ramel u blat. Biss fuq ix-xefaq jidher ġebel kaħlani u mmewweġ.

Hawnhekk, f'nofs il-barr, fejn xejn ma kien ifakkarhom fil-frugħat tad-dinja, fejn xejn ma kien ifixklilhom talbhom, imħeġġin b'tama qawwija, magħqudin fit-twemmin, fit-talb u fix-xogħol, għadd ta' rhieb kienu jgħaddu ħajjethom.

L-għajn kienet tisqihom, u l-art, maħduma b'saħħet dirgħajhom, kienet titmagħhom.

Nżul ix-xemx.

Il-ħames rhieb u l-abbati, li jkun l-ixjeħ, miġburin taħt siġra fin-nofs, min fuq xi ħaġra, min fuq xi magħqad maħdum bla sengħa. Jidhru mdejqin.

*L-ewwel Raheb* (b'leħen għoli): Nkeċċuh minn fostna! Jekk jibqa' hawn, ħtijietu taqa' fuqna u nittebbgħu aħna wkoll: jeħtieġ, nuru li jdejna ndaf. Għajb u hemm ġieb fuqna: amar, missier li jkun maqtul ! Biżżejjed għamlilna deni !

*It-tieni Raheb*: Il-ħtija tiegħu kbira wisq !

*L-abbati* (iċaqlaq rasu, mbagħad jitkellem b'leħen baxx u ħiemed): Ġrolmu għamel deni kbir wisq lilu n-nifsu. Għamel deni kbir lilna wkoll. Ghal dan hu dmir tiegħi li ngħaddbu. Iżda jien u la għandi s-setgħa li nkeċċih u l-anqas li noqtlu.

(Skiet)

*L-abbati*: Dal-lejl ma rqadtx. Il-lejl kollu ħsibt fuqu. Smajt fil-bogħod it-twerżiq u n-nbiħ tad-dbejjeb, u, ħuti, ftakart fix-xjaten, ftakart fix-xjaten, imġewħin għal xi sajda, li ġew biex jaħtfu 'l din ir-ruħ.

(Skiet)

*It-tielet Raheb*: Ħtijetu kbira!

*It-tieni Raheb*: Li kien minni kont inxerred l-għajb tiegħu ma kull maħluq. Taħfirlux, o missier, taħfirlux...

*L-ewwel Raheb* (ibejjen kliem l-ieħor): Taħfirlux!

*It-tieni Raheb*: . . . .agħmel ħaqq minnu! tih xogħol iebes. Żommu magħna, imma mifrud minn kulħadd—waħdu u mingħajr ħadd ma jkellmu. (L-abbati jqum u jimxi 'l hawn u 'l hemm. Ir-Rhieb igorru bejniethom. L-ewwel Raheb igħid;)

*L-ewwel Raheb*: Irid jaħfirlu.

*L-abbati* (Bejnu u bejn ruħu): Nistagħġeb! Ħadd minnhom ma jibża' li tintilef ruħ li sidna Kristu ħeles b'demmu.

(Jagħmel idejh ma' moħħu, fuq għajnejh, u jħares il-bogħod lejn il-barr. Tnejn jew tlieta mill-irhieb l-oħra jagħmlu bħalu. L-abbati jerġa' lejn sħabu.)

*Ir-raba Raheb*: Naqfluh f'ħabs aħrax, u nħalluh hemm sa kemm idum ħajj.

*Il-ħames Raheb*: U le, u le. Daqshekk le.

*L-ewwel Raheb* (b'saħna): Daqshekk, u aktar minn daqshekk! X'inhu dan ħdejn l-uġiegħ li b'sejf kiefer hu niffed fil-kustat ta' Kristu?

*Ir-raba' Raheb*: Ċaħdu mill-wegħda l-aktar għażiża li għamillu.

(It-tieni u t-tielet Raheb jitkellmu flimkien)

*It-tielet Raheb*: Sallbu mill-ġdid!

*It-tieni Raheb*: Għal sigħa ta' hena misħuta ssieħeb maxxitan!

*It-tielet Raheb*: Ikun maqtul!

*L-oħrajn barra l-abbati u l-ħames Raheb*: Ikun maqtul!

(L-abbati, imħasseb, iħares mill-ġdid lejn il-barr. Xejn ma jidher.)

*L-abbati* (bejnu u bejn ruħu): Mhemmx li jasal.

(Skiet. L-ilma jgelgel. Mis-siġar jaqgħu xi żewġ tamriet.)

*L-abbati* (b'leħen baxx u ħelu): Ħuti, filħogdu kellimtu. Ma qalx kelma waħda biex itaffi għamilu. Demgħa ta ndiema f'għajnejh ma kellux. Kien jimxi 'l hawn u 'l hinn fil-kamra ċkejkna fejn hu msakkar bħal wieħed mgħarraq fi dwejjaq l-aktar kbar. Xejn ma beżżgħetu s-sigħa kiefra li qiegħda tistennieh. X'għandu

x'jibża'? X'għandu x'jeħles? Xi ħadd jista' jagħmillu deni akbar milli għamel lilu n-nifsu? Hemmu kbir.

(Skiet)

*L-abbati*: Sa ftit jiem ilu kien ħabibkom....

*It-tieni Raheb*: Ma konniex nafu x'kellu f'qalbu.

*L-abbati*: Habbejtuh. Kien iż-żmien li qsamtu l-ħobż miegħu, u li miegħu lwejtu rkobtejkom biex tqimu 'l-Mulej.

*L-ewwel Raheb*: Imma kien għadu ma dnebx!

*It-tieni Raheb*: Għadab il-Mulej ma kienx waqa' fuqu.

*L-abbati*: Isemgħuni. Intom lil Mulej tħobbuh u tħobbuh wisq. Imma ħarsu sewwa! Harsu sewwa li din l-imħabba ma ssaħħnilkomx moħkom, li ma taqlibilkomx raskom. Jien ixjeħ minnkom u naf. Alla ħanin u jaħfer. Jewilla aħna nfussna ma għandniex il-qofol għażiż ta' Pietru? Itolbu lil Mulej inebbħilkom moħħkom, bħal ma tlabtu jien.

(Għal xi żmien ħadd ma jitkellem, mbagħad l-ewwel Raheb jqum jgħid?)

*L-ewwel Raheb*: Jidher, O missier, li inti tridna naħfru lil Ġlormu. Iżda jien nibża' li darb kbir jaqa' fuqna kemm-il-darba aħna ma ngħaddbuhx.

*It-tielet Raheb*: Sewwa qal.

*Rhieb l-oħra*; Sewwa qal.

*L-abbati*: Nistennew ftit ieħor, uliedi. Forsi ix-xwejjaħ jasal qabel id-dlam.

*It-tieni Raheb*; La ma wasalx s'issa, għal xejn nistennew.

*L-abbati*: Għad baqa' ftit tad-dawl. Forsi għad jilħaq jasal. Hu l-exjeħ fostna lkoll, l-aktar għaref u l-aktar qaddis. Kliemu mnebbaħ mis-Sema.

(Skiet. L-ewwel Raheb, li jkun qam bil-wieqfa, jimxi, u jersaq lejn xifer il-ħdura. Iħares lejn il-barr. Id-dlam qiegħed jaqa' ġmielu.)

*L-abbati* (kwiet u mħasseb, jitlob): O Mulej, agħtini l-għajnuna!

(Skiet. L-abbati jmejjel rasu fuq idejh. Il-ħames Raheb iqum jimxi lejn l-ewwel Raheb. Minn wara għolja tar-ramel jidher Raheb xwejjaħ, milwi tnejn taħt xkora kbira u tqila, b'għasluġ f'idu l-waħda.)

*L-ewwel u l-ħames Raheb*: Ġej!

*L-oħrajn kollha barra l abbati*: Ġej!

*L-abbati*. Ikun imbierek Alla!

(Ix-xiħ jersaq bil-qajla. L-ewwel u l-ħames Raheb jiġru biex ineħħulu l-ixkora minn fuq kitfejh. L-oħrajn, ukoll, iħeffu lejh. Meta jaħbtu sa jeħdulu l-ixkora, hu, b'leħen baxx u rqiq, igħid:

*Ir-Raheb xwejjaħ:* Le, le, uliedi, ħalluha. Dik tiegħi, u jiena biss nerfagħha.

(L-oħrajn iħarsu lejn xulxin, ftit jew xejn imħixklin. Jersqu-lkoll lejn is-siġra, li taħtha ftit qabel kienu qegħdin bil-qiegħeda. Ix-xwejjaħ jimxi bil-meħel ħafna. Hu għajjien u bil-kemm jiflaħ imexxi riġlejh. Magħlub għadma u ġilda; wiċċu, isfar u mix-rub, bil-kemm jidher qalb xejbu u leħijetu. Iżda għajnejh iżiġġu b'dawl li mhux ta' din d-dinja. Jitlaq l-ixkora ma' l-art, jieħu nifs qawwi, jingħi.)

(Igħinnh joqgħod fuq ħaġra li tkun ħdejh.)

*Lkoll:* Iva, ja missier.

*Ir-Raħeb Xwejjaħ:* Ajma, kemm jien għajjien. Għinuni uliedi. Tuni fejn uoqgħod bil-qiegħda.

(It-tieni Raheb jħaffef lejn il-maqdes Skiet. Jasal b'kusilma

*Ir-Raheb xwejjaħ:* Tuni mixrub.

f'idu. Ix-xiħ jixrob.)

*Ir-Raheb xwejjaħ:* Għall-erwieħ !

*L-abbati:* Imma, missier, il-għaliex din it-tagħbija hekk akbar minn saħtek ?

*Ir-Raheb xwejjaħ:* Dawk dnubieti. Jiena, ibni, nġorrhom miegħi meta mmur naqta' ħaqq minn ħadd ieħor. Dawk kienu li taqq-luli riġlejja.

(Skiet. It-tieni Raheb, li jkun ħdejn l-Ixkora, jiftaħha, u jħares ġo fiha.)

*It-tieni Raheb:* Ramel !

(Mill-Ixkora jaqa' r-ramel.)

*L-abbati:* Alla biss jista' jagħmel ħaqq minna lkoll.

ĠUŻÈ DIACONO

# GĦANJA

Għawdex ħaddar din is-sena,
xħin tax-xitwa għadda l bard
l-ajru mtela b'għanjiet ħelwa,
faru l-ġonna kollha ward

Iżda l-ġnejna ta' mħabbitna
qatt ma tarġa' daqshekk sbejħa
qabel inti ġewwa qalbek
ta' l-imħabba tħoss is-sejħa

Ward u għana 'l Għawdex bewsu,
ix-xemx ksietu bit-tlellix:
x'tiswa din il-festa kollha,
jekk int iżjed ma tiġix?

ĠORĠ PISANI

# L-ISKEJJEL TAL-GVERN *

## It-Tagħlim f'Malta

Minn Ġużè Gatt

(*Ara għadd 69-70 paġ. 18*)*

Barra milli l-Università ta' l-Imdina kienet toħroġ il-flus għaż-żamma ta' dina l-Iskola, kienet tgħin ukoll lil xi żgħażagħ li jridu jmorru barra, ħalli jissuktaw fit-Tagħlim, iżda ma kienx ikollhom biex. Għal dina l-biċċa, fil-15 ta' Diċembru 1467, il-Kunsill Popolari ħareġ sitt egħwieq mill-flus ta' l-Università. Bihom, iż-żagħżugħ Toni de Surdo setgħa jmur Sqallija biex hemm jibqa jitgħallem għall-dawra ta' sentejn.

Għall-ewwel, it-tagħlim fl-Iskola ta' l-Imdina ma kienx isir bla ħlas; iżda, meta jinzerta min ma jistax iħallas, xi drabi kienu jgħallmuh ukoll b'xejn. Fuq hekk, fil-laqgħa li saret fis-6 ta' April 1526, il-Kunsill Popolari qata', li seba' minn dawk li jmorru f'dina l-Iskola, ma jħallsux flus.

Il-flus li kienu jħallsu dawk li jmorru jitgħallmu fl-Iskola ta' l-Imdina, ma sibniex min kien joħodhom. Naħsbu li kien jeħodhom dak is-Surmast li kien iżomm dina l-Iskola fl-Imdina jew fir-Rabat. Għall-bidu, dina l-Iskola x'aktarx li kienet tinżamm fid-dar ta' dak li jkun Surmast.

Fl-Iskola ta' l-Università kien isir dak it-Tagħlim kollu biex wieħed jista' jaqbad x'impieg. Ukoll biex wieħed jilħaq għall-qassis, jew jaqbad it-trieq għall-nutar. Għalhekk, billi t-Tagħlim fiha kien ta' xeħta għoli (klassiku), xi drabi sibna li kienet imsemmiha bħala l-Iskola ta' l-Umanità

B'din l-Iskola, il-Maltin ftit kien jinħtieġilhom li jitwarrbu mill-Gżira biex imorru jitgħallmu f'art oħra. Fiha wieħed kien jista' jikseb tagħlim sewwa, imdaqqas u li jaqdih tajjeb biex jaqbad xogħol li jista' jgħix bih. Imbgħad, min kien irid isiefer għal xi art oħra biex jissokta jitħarreġ u jitwettaq aktar fit-Tagħlim, kien jista' jagħmlu kemm irid, ħaġa li għadha issir ukoll sal-lum.

Min kienu s-Surmastrijiet ta' l-Iskola fi żmien l-Aragoniżi ma sibnihomx imsemmija kollha. Xi wħud minnhom isemmihom is-sur G. Darmanin Demajo P.L. f'Leħen is-Sewwa tas-17 ta' Mejju 1936. Dan igħid li bħala Surmast fl-Iskola ta' l-Università fl-1470 kien Ġorġ La Habico, u fl-1471 Ġulju de Lei.

(*) Fil-għadd 69-70 ħarġilna għelt ta l-istampa. Flok Karlu II irid jiġi Karlu V, dak l-Imperatur li fl-1520 ta setgħa oħra ġdida lill-Maltin.

Fil-għadd tal-Gażżetta li semmejna, is-sur Demajo kiteb xi ħaġa żgħira dwar "L-ewwel Tagħlim f'Malta." Iżda, f'xi bnadi ta' dak li dana qal,·ma jaqbel xejn mas-sewwa. Is-sur Demajo jgħid li, qabel l-1470, l-Università u l-Isqof waqqfu Skola fl-Imdina u li għaż-żamma tagħha kienu joħorġu l-flus it-tnejn: nofs kull wieħed. U biex jgħallmu fiha ġiebu Surmastrijiet minn barra.

Biex is-sur Demajo qal dak li hawn fuq ġibna, x'aktarx li sejjes kliemu fuq laqgħa tal-Kunsill Popolari li saret fl-1537, jiġifieri fi żmien l-Ordni. Iżda f'dik il-laqgħa ma ġiex maqtugħ li jġibu Surmastrijiet minn barra għall-Iskola ta' l-Università. Kienu kabbru biss il-ħlas tas-Surmast. U dan għamluh biex iħajjru lil xi wħud ta' barra ħalli jiġu u jgħallmu hawn. Imma bil-ħlas kollu li żiedu, ma kien ġie l-ebda Surmast Għalhekk, is-Surmastrijiet ta' l-Università baqgħu Maltin, jew xi nies oħra li nzertaw jgħammru hawn Malta, ħaġa li ma taqbilx ma' dak li qal is-Sur Demajo.

Barra mill-biċċa tas-Surmastrijiet li semmejna, is-sur Demajo ma jaqbilx mas-sewwa f'ħaġ'oħra wkoll, fejn isemmi dwar l-Iskola li kienet issir fil-Knisja tas-Salvatur fl-Imdina. Kif inhu msawwar kliem is-sur Demajo "f'Leħen is-Sewwa" li l-fuq semmejna, din l-Iskola hi muriha bħala li ma għandha x'taqsam xejn ma' l-Università. Naraw bejn wieħed u ieħor xi jgħid is-sur Demajo: "Wisq żmien qabel ma ġiet l-Ordni fi Gżiritna, ma kienx hawn Skejjel f'Malta Għalhekk insibu li l-Knisja tas-Salvatur fl-Imdina kienet taqdi bħala Skola għat-tfal tal-fqar. Is-Surmast tagħha kien qassis, u dax-xogħol kien jagħmlu minn rajh u minn għajr ħlas. It-tfal kienu jiġu mgħallma jaqraw bit-taljan u l-aritmetka kif kienu jgħallmuha f'dak iż-żmien."

Mela, minn kif irid igħid is-sur Demajo, l-Iskola fis-Salvatur kienet hemm qabel ma l-Università u l-Isqof waqqfu tagħhom fl-Imdina (qabel 1470). Iżda l-skola fil-Knisja li semma s-sur Demajo, m'hix ħaġ'oħra ħlief dik l-Iskola li kienet miżmuma mill-Università u mill-Isqof. Terġa' l-Iskola fis-Salvatur kienet hemm, f'dik il-Knisja, fi żmien li kien hawn l-Ordni, u mhux qabel ma dan ġie f'Malta bħalma bi ħsiebna nuru 'l quddiem. Is-Surmast tagħha ma kienx lanqas jgħallem b'xejn, iżda ta' dan ix-xogħol kien imħallas mill-Università u mill-Isqof. Barra minn hekk is-Surmast xi drabi kien ikun qassis jew patri, minn xi daqqiet kien jinzerta li ma jkunx wieħed minn dawn ukoll.

B'dana kollu, bl-għeltijiet kollha li ġieb is-sur Demajo fil-Gazzetta li semmejna, ta' min jiżżiħħajr ukoll, għax f'dawk il-ħwejjeġ li qal sewwa, dejjem xeħet u zied xaqq dawl ieħor dwar l-Iskejjel tal-Gvern u t-Tagħlim f'Malta.

Bħalma f'Malta kien hawn Università biex tieħu ħsieb il-ħarsien ta' din il-Gżira, hekk ukoll f'Għawdex kien hemm

Università oħra biex tieħu ħsieb ta' dik il-Gżira. Għalhekk naħsbu, li bħalma fi żmien l-Araguniżi kien hemm Skola fl-Imdina tal-Gvern Malti, fir-Rabat ta' Għawdex kien hemm oħra miżmuma mill-Gvern t'hemm. Tassew li Malta u Għawdex kienu ħaġa waħda, iżda kull Università kienet għaliha. B'dana kollu, dil-biċċa, ta' Skola oħra f'Għawdexf ma nistgħux nagħtuha b'minnha għal kollox, billi f'Arkivji ta' din l-Università huma mitlufa, ħtija li dik il-Gżira kienet waqgħet taħt idejn it-Torok fl-1551.

Wieħed kittieb Għawdxi, Dr. Ganni Ġużê Caxaro (Cassar?) għamel ġabra ta' aħbarijiet fuq Għawdex. Fihom sibna li meta t-Torok ħadu Għawdex fl-1551 ħarqu l-karti u l-kotba kollha li sabu fl-Arkivju. Iżda Għawdxi ieħor, Agius de Soldanis, igħid li fi żmienu (kiteb fl-1746) fi-Arkivju ta' Kostantinopli kien għad hemm miġbura kitba qadima u bosta reġistri ta Nutari Għawdxin. Dawn ġarrewhom l-hemm it-Torok fl-1551. Għall-ewwel, it-Torok kienu sa jeqerduhom, iżda kien hemm wieħed franċiż magħhom u ħajjarhom biex ma jaħarquhomx, billi aktar wieħed jaqbel li jeħodhom miegħu f'Kotantinopli. B'hekk, igħid De Soldanis, dawn baqgħu meħlusa min-nirien.

Għalkemm De Soldanis qal li t-Torok ma ħarquhomx, iżda ħaduhom magħhom, meta fl-1849 il-Gvern ta' Malta qabbad l-Ambaxxatur Ingliż f'Kostantinopli biex jara jiksibx dik il-kitba Għawdxija, dan bagħat igħid, li ħadd ma jaf bihom hemm. Hekk ukoll kien qal Lewis Mizzi, li għamel żmien twil fit-Turkija. Dan għamel tfittix kbir għal dik il-kitba, iżda ma setgħa jiltaqa magħhom imkien.

Tgħid, mela, mhux tassew li dawn nġarru lejn Kostantinopli, bħalma qal De Soldanis, iżda nħarqu mit-Torok fl-1551, bħalma qal Caxaro? Ma dankollu, il-biċċa kienet x'kienet, dawn il-lum ħuma mitlufa għalina, bi ħsara kbira ta' Ġrajjetna, la darba fi zmienna ħadd aktar ma sama' b'aħbarhom.

Minn dan li għedna sa hawn dwar l-Iskejjel tal-Gvern, jidher, li min igħid li Napuljun kien l-ewwel wieħed li ried idaħħal f'Malta t-Tagħlim għall-ulied il-fqar, ikun sejjer il-bogħod mis-sewwa qatigħ. Tassew li l-Iskola ta' l-Università ta' l-Imdina għall-ewwel kienet bil-ħlas; iżda, minn kif qata' l-Kunsill Popolari tas-6 ta' April 1526, jidher li kien hemm min ma jħallasx ukoll. U dan kien fi żmien l-Araguniżi, meta l-ħarsien tal-Gżira kien taħt il-ħsieb tal-Gvern Malti: jiġifieri mijiet ta' snin qabel ma Napuljun tħajjar li jiġi biex jieħu Gżiritna taħt idejh.

(Jissokta)

# Tibdil *(Mutability)*

*(Mill-Ingliż ta' P. B. Shelley)*

Aħna bħal sħab li jiksi l-qamar lejli;
Kif jiġu bla serħan, jilmaw, jirtogħdu,
Jiksru bid-dija d-dalma! iżda bilġri
Jintilfu għal dejjem xħin ifeġġ filgħodu:

Jew bħal liri minsija b'kordi ħżiena
Li jagħtu leħen xħin ir-riħ jonfoħhom,
'Mma l-ebda nefħa ma tlissen leħen wieħed
bħal dak ta' qabel, fil-għamla dgħajfa tagħhom.

Nistrieħu—imma ħolma tikser ngħasna;
Inqumu—'ma ħsieb ikrah jisqi l-jum;
Inħossu, naħsbu, nidħku nkella nibku;
Ngħannqu s-salib jew ngħoddu d-dieq mitmum.

L-istess għalina; għax il-ferħ u n-niket,
Biex jarġa' lura xejn ma hemm tfixkil:
Il-bierah jista' qatt ma jixbah l-għada;
Xejn m'hawn eseħħ f'din l-art ħlief it-Tibdil.

ĠORĠ PISANI

# XBEJBA BIDWIJA

Mal-mewġ taż-żiffa, xuxtek qed tittajjar,
u tleqq bħal ħjut misruq mix-xemx dehbija;
jiddu ħaddejk fuq wiċċek kemm xejn smajjar,
qishom ħuġġieġa nar f'lejla xitwija.

F'għajnejk in-nir tal-baħar hieni jilma
taħt is-sħab abjad silġ li jgħatti s-sema;
bħad-diwi ħiemed tat-tifwir ta' l-ilma
minn ħoġor il-widien, leħnek jinstema'.

Bi lwien id-demm, bi ħmura bellusija
libbset xofftejk il-warda tal-pepprina;
neża' l-ħolqien għalik, xbejba bidwija,
mill-ġmiel li kien jaħbih u minn kull żina:

nistħajlek l-għanja ħelwa tar-rebbiegħa
li nisġu żewġt iqlub hawn fuq dil-qiegħa.

KARM VELLA

# Kritika Letterarja

*Nežaminaw l-Eżaminaturi tal-"Pronostku Malti 1937".*

Ftit ilu ħareġ il-"Pronosku Malti," li aħna ngħożżuh l-aktar għall-konkors tal-poeżijiet bil-malti li jħobb jagħmel kull sena, biex b'hekk iħeġġeġ, iqawwi u jkattar dejjem iżjed il-letteratura tarija tagħna. U dan l-idijal għoli u patrijottiku ta' l-Editur ta' l-Almanakk li semmejna, ma nistgħux ma nfaħħruhx u ma nsebbħuhx kif tabilħaqq jixraqlu.

Iżda, mill-banda l-oħra, jisgħobbina mhux ftit talli ma nistgħux ngħaddu dritt bla ma nieqfu daqsxejn biex naraw u nuru dawk li jidhrulna li huma għiltijiet tassew ċari ta' l-Eżaminaturi ta' Muscat fin-"Noti" tagħhom taħt xi poeżiji, u b'hekk, għad li fuq qalbna, nežaminaw l-Eżaminaturi nfishom. Dan, madankollu, irridu nagħmluh mhux għal ħaġa oħra għajr għall-ġid, għall-ġieh u għat-tirqim tal-letteratura maltija li illum qabdet ġmielha.

Ngħid għalija, jien li qiegħed nikteb, l-ewwel għilt li jolqotni fin-"Nota" ta' l-Eżaminaturi, huwa — *in genere* — in-nuqqas ta' ħaqq xorta ma' kullħadd li jagħmlu mill-poeżiji. U biex inseddaq kliemi, irrid inġib żewġ eżempji : L-ewwel eżempju tatihulna l-poeżija "F'Ħaġar Qim" ta' Ġorġ Pisani li dehret fil-"Pronostku" tal-1933; u t-tieni eżempju tatihulna l-poeżija "Dejjem..... Qatt!" ta' Karmenu Vassallo (G. C.) li dehret fil-"Pronostku" tal-1936. Dawn il-poeżiji ħadu t-tnejn it-tielet premju: waħda fil-Konkors tal-1933; u l-oħra fil-Konkors tal-1936. Imma l-waħda u l-oħra kien ħaqqhom l-ewwel. U dan qaluh l-aħjar u l-akbar letterati ta' żmienna: Dun Karm f' "Il-Malti" ta' Diċembru tal-1932; u l-Prof. Dun P. P. Saydon f' "Leħen il-Malti" ta' Jannar-Frar tal-1936. Dak qalu għall-poeżija ta' Ġorġ Pisani; u dan qalu għall-poeżija ta' Karmenu Vassallo — li, sa dak in-nhar, kien għadu jħobb jinħeba għall kollox taħt isem b'ieħor. U biex tagħqad, sewwa Ġorġ Pisani u sewwa Karmenu Vassallo ħadu t-tnejn l-ewwel premju fl-istess Almanakk tas-sena ta' wara. Ħaġa din li turi sewwa li l-Eżaminaturi ta' Muscat ma huma xejn ta' ħaqq wieħed fil-fehma li jagħtu tal-poeżijiet ippremjati.

Aħna, il-poëti tajbin tagħna nafu min huma. Biex ma nsemmux il-mejtin, Dun Karm Psaila, il-Prof. A. Cuschieri, Ninu Cremona, it-tabib Rużar Briffa, u Patri Delia, S.J., huma minn l-aħjar u l-ewlenin. U wara dawn naħsbu li joqogħdu tajjeb ukoll Ġorġ Pisani, Nikol Biancardi, Karmenu Vassallo, Arthur V.Vassallo u Ġużê Chetcuti, li għal x'uħud minnhom ħażżew kliem ta' tifħir meqjus iż-żewġ rivisti letterarji maltin li huma

l-aktar ta' min jorbot fuqhom illum. Mhux biss, imma biex ngħiduha kif inħossuha — għax aħna ma tantx inħobbu nlaqalqu u nuru fehmitna minn bejn il-linji — inżidu ngħarrfu li, sa fejn jilħaq ix-xiber tagħna, jidhrilna li minn dawn l-aħħar ħamsa li semmejna, Ġużê Chetcuti aktarx hu ta' min iqisu u jgħoddu aktar bħala prożatur milli bħala poeta. U dan iħossu fih u jistqarru hu n-nifsu.

L-Eżaminaturi ta' Muscat madankollu, donnhom xejn ma jafu b'din ir-rijaltâ mbierka. U bil-fors hekk: għax kieku ma jibqgħux jogħtru kull sena u joħorġu dejjem b'xi ħaġa ġdida minn tagħhom li ġġagħlek l-ewwel tidħak u mbagħad tistmerrha għal kollox Dan in-nuqqas ta' l-Eżaminaturi għarrfitu saħansitra "Leħen is-Sewwa" u ipprotestat kontra tiegħu bilqawwa kollha fil-ħarġa tat-3 ta' Novembru. Ħaġa li ġġagħalna wisq aktar inqawwu qalbna u nsaħħu kliemna f'kullma qegħdin niktbu. Iżda ma tantx nistgħu niġbduha fit-tul: għax għal "Leħen il-Malti" il-wisa' hu għażiż ħafna. U għalhekk ikollna naqtgħu fil-qasir kemm jista' jkun u ngħarblu ħafif ħafif l-ewwel sitt poeżijiet ta' din is-sena, jew aħjar, in-"Nota" li hemm taħthom.

Ħadet l-ewwel premju l-poeżija ta' Karmenu Vassallo mgħammda "Lit-Tfajla ta' Mħabbti" tfajla li l-awtur ma jafx (għax ma teżistix) u li joħlomha biss bil-fantasija tiegħu ta' poeta bil-lejl u bi nhar—"f'ġuf il-kwiekeb tal-fidda u nar ix-xemx". Jiftaħ imbagħad qalbu magħha u f'żewġ strofi, li jagħmlu ġieħ tassew lill-poeżija ħelwa ta' Artna, juriha u jgħidilha kif ħajjet il-bniedem hi kollha qerq u frugħa *"vanitas vanitatum et omnia vanitas"* u li għaldaqshek aktar xtaq li kieku ma twieled xejn. Iżda minnufih jerġa' lura għax jara li kieku ma twelidx, l-anqas kien jirnexxilu jagħraf u jagħżel il-ġd mid-deni, it-tajjeb mill-ħażin. Jispiċċa fl-aħħar biex igħid li jixtieq mhux ftit li t-"tfajla ta' mħabbtu" tkun tiegħu tassew fil-ħajja u mhux tiegħu fil-ħolm ta' ħsebijietu biss. Għax hekk, f'imħabbithom it-tnejn, jagħrfu l-Imħabba ta' Alla l-Missier li ħalaqhom u ta' Alla l-Iben li fdihom: Imħabba li "ħliefha kollox baħħ u xejn."

Wara dan, tiġi n-"Nota" ta' l-Eżaminaturi, "Nota" li filqofol tagħha turi li minn ħażżiżha ma ntebaħ bl-ebda ħsieb filosofiku u teoloġiku li fiha din il-poeżija: għax ħarstu ma tħarketx minn fuq it-tberfil tal-libsa tagħha, u hekk min eżaminaha ma rax ħaġa oħra fiha għajr dak li jgħodd l-anqas—biex ma ngħidux ma jgħodd xejn. L-Eżaminaturi tagħha, fi kliem ieħor, laqtuhom l-*"accidentia"* u ma laqtithomx is-*"substantia"* li hi r-ruħ ta' kull poeżija. U raw fiha, għalhekk, nuqqasijiet biss u ippremjawha mhux għax hi tajba, imma, għax fost il-ħżiena hi l-anqas ħażina! Ħaġa li ddarras lil kulħadd: imqar lil dawk li

ma jifhmux biżżejjed fis-sengħa tal-prosodija tagħna. U bir-raġun. Iżda la darba dan in-nuqqas ta ħaqq'ta' l-Eżaminaturi jarah u jħossu kulħadd, aħna ma rridux nitħaddtu fuqu. Naqbżu għalhekk għat-tieni għilt u nuru għandhomx raġun l-Eżaminaturi jonkella min qed jeżaminahom. Huma kitbu hekk: "It-Tfajla kellha għallinqas tista' tingħaraf mill-versi, u mhux min-nota ta' l-awtur. "Fehma żbaljata għal kollox! Jidher li l-Eżaminaturi u la rnexxielhom jifhmu sewwa li dak il-vers hu biċċa tal-Leopardi u l-anqas it-tagħrifa ta' l-awtur! Araw għaliex. L-awtur igħid li t-"tfajla ta' mħabbtu" ma jafhiex, iżda joħlomha biss. Mela t-tfajla ma teżistix rijalment. U la ma teżistix rijalment, m'għandhiex tingħaraf mill-versi. U jekk l-awtur fit-tagħrifa tiegħu kiteb li din it-tfajla hi l-"Għanja Maltija," dan naħseb għamlu biex iħaffef ftit lill-qarrej mit-toqol li jsib fil-poeżija tiegħu li, għax poeżija kbira u ta' fantasija mixgħula sħiħ bit-tbatija jirnexxilu jifhimha. Terġa' l-"Għanja Maltija" hija ħaġa astratta u bla ruħ: u għalhekk iżjed u iżjed ma kellhiex tingħaraf mill-versi. U kieku fejn kienet tkun l-'*imago*?" Fejn kienet tkun l-*idea*? Fejn kienet tkun l-*abstractio*? Il-kelma "ġuf" imtellta tista' tingħoġob u tista' ma tingħoġobx; imma ħadd ma jista' jgħid li mhix użata f'lokha "*omnino et essentialiter.*" Fl-aħħarnett l-Eżaminaturi qalu: "Xi vers iebes hemm ukoll." Għax ma qalux liema hu? Jafu liema hu? Aktarx li lê. Għax kieku kien imisshom jgħiduh ċar u tond.

Wara dan tiġi l-poeżija ta' Ġużè Pesci: " Tiftakar, Żmien?" li ħadet it-tieni premju. Għal dak li hu ħsieb, il-poëżija sabiħa. Għal dik li hi sengħa tal-versi, il-poëżija ma tgħid xejn. Terġa', jekk wieħed jifliha sewwa u jixtarrha kif imiss, għandu jsib li din mhix ħlief biċċa proża ħafifa miksija bil-qoxra tal-poëzija. U għalhekk "Tiftakar, Żmien?" tisfâlna "*substatialiter*", poëżija prożajka jew, aħjar, poëżija taparsi. F'erba' kelmiet il-qofol tagħha huwa dan: "Xbejba ta' għoxrin sena ħelwa u safja: iżda bajdanija u mixruba għax mikula mill-mard tas-sider tmut fil-Connaught ta' l-Imdina. Jerġa' jasal ferħan żmien ir-rebbiegħa' iġib lura miegħu l-ġmiel kollu ta' għeġubijietha: ifawwar kollox bil-ħajja u bit-tbissima tal-hena..... iżda, kiefer, ma jroddx lura lil dik ix-xbejba ta' għajnejha minn lewn il-baħar tagħna". Fejn l-element traġiku jidher *ftit*, *is-sengħa* tal-versi ma tidher *xejn*; fejn il-ħsieb hu sabiħ, il-qagħda tal-kliem hi kerha; fejn l-aktar tinħtieġ poëżija li tħollok aktar hemm proża iebsa li ddejqek. Imbgħad l-għaxar vers, l-erbatax il-vers, it-tmienja-u-għoxrin vers u t-tnejn-u-tletin vers huma mqanżħin u mġebbdin għal kollox. Aqrawhom u araw. Terġa' dik li tgħid li ż-żmien iwassal rebbiegħa, ma narawhiex ħaġa poetika. U l-verbi intransitivi "sserrep" u "tħaddar" l-anqas jidhrilna li għandhom

jiġu użati bħala verbi *transitivi attivi* kif użahom Ġużè Pesci fid-disa' strofa. Xtaqna nsemmu kollox. Imma l-wisa' ma jippermettihulniex. Paċenzja!

Ngħaddu mela għall-poëżija l-oħra "Iż-Żebbuġ ta' Għawdex" ta' Anton Buttigieg, B.A., li ħadet it-tielet premju u li kien jistħoqqilha tieħu t-tieni, kieku ma kellhiex riħa qawwija tal-"Yarrow Unvisited" u ta' "Mamble," imitazzjoni li ttellfilha ħafna mis-siwi tagħha. Hi l-poëżija tabilħaqq romantika. Iż-Żebbuġ ta' Għawdex hu hekk fil-għoli, li s-sħab donnu jmiss mad-djar; u meta jaħkem ir-riħ mal-kampnar tal-Knisja, tkun ħaġa tal-biża' toqrob lejh: għaldaqshekk "in-nies f'taqliba ħarxa— jitbegħdu mill-kampnar." It-tielet strofa, mbagħad, maħduma tassew bil-għaqal u ftit jonqosha biex tkun tajba għal kollox. Imma r-raba' vers ta' l-ewwel strofa u l-aħħar vers tar-raba' waħda hemm fihom dik l-imbierka *dialefe* li ma jmissiex tkun. "Li niksru mmur ferħan," fl-aħħar strofa, ma hux vers mibni tajjeb għal dak li fit-taħdit malti għandu jingħad b'"*ore rotundo*." Mill-bqija ma fihiex xi tgħid din il-poëżija ta' Anton Buttigieg.

"Ġiżimin" ta' Marì Meylak, li ħadet ir-raba', mhix poeżija kerha. Dik li hi ħlewwa fiha ma tonqosx. Izda, għad li din il-poeżija tidher maħduma bil-malti, tiswir malti tassew ma fihiex. "Silġiet sħajnin" ma smajnieha qatt. Is-silġ kiesaħ u abjad iva; imma abjad u sħun ma jistax ikun. Il-ftit oriġinalità li fiha ma tagħmelx tajjeb biżżejjed għan-nuqqas ta' rabta li jmissu jkun hemm bejn kull vers u kull strofa.

"Twiddiba" ta' Emmle. Palmier Cecy, li ħadet il-ħames, fiha żewġ terzi minnha proża. Imma lil l-Eżaminaturi għoġbithom. U qalu taħtha: Kienet *aktarx* tieħu premju aħjar, kieku ma kinetx tinħass bosta l-imitazzjoni tal-poëżija ta' Zanella "Religione Materna." Din in-nota m'hi xejn flokha. L-Eżaminaturi ma kienx imisshom iħożżuha dik l-"aktarx." Għax b'hekk urew li huma kienu *jiddubitaw* jatuhiex premju aħjar, kieku din il-poëżija ma kinetx imitata. U d-*dubju* f'min jeżamina, għajb lil l-eżaminatur jagħmel. Terġa', iżjed l-isfel, insibu dan: "Il-versi *aktarx* tajbin." X'inhuma?—nistaqsu aħna lil l-Eżaminaturi.— Tajbin jew ħżiena? F'kelma waħda l-Ezaminaturi stess ma jafux sewwa jekk il-versi ta' Cecy humiex ħżiena jonkella tajbin.

Waslet fl-aħħar is-sitt poëżija ta' Har Jafeh: bettija tifkiriet! U l-Eżaminaturi tawha s-sitt premju meta stqarrewh huma nfishom li *fiha ħafna difetti żgħar*, li *s-suġġett mhux ġdid ġdid* u li *ftit fiha poëżija*. Kontraduzzjoni ċara tabilħaqq. Imma xi trid tagħmel? Qalu li lil Pipa jixirqilha daqsxejn ta' premju. U tawhulha. Min jaf għaliex ?! Jewwilla ħadu gost ipejpuha ?

Birkirkara, 1936. A. C. M.

# Werrej tas-sena 1936-1937


| | | | |
|---|---|---|---|
| A. C. | Minn hawn u minn hemm | Għadd | 61-62 |
| A. C. L. | Eżami tal-eżaminaturi | ,, | 71 |
| A. G. | Fit-twelid tal-Madonna | ,, | 69-70 |
| AGIUS M. | Żewġ poeti żgħażagħ | ,, | 63-64 |
| AMATO GAUCI F. | Il-qawma | ,, | 63-64 |
| ,, | Tagħlim tal-Ekonomija | ,, | 63-64 |
| ,, | Taqsim ix-xogħol | ,, | 65-66 |
| ,, | Id-dinja tnaqqas is-sigħat tax-xogħol | ,, | 69-70 |
| AQUILINA Ġ. | Meta Frar tilef rasu | ,, | 65-66 |
| ,, | Ittra lill-Prof. Saydon | ,, | 67-68 |
| ,, | Tweġiba lis-Sur "Sug" | ,, | 69-70 |
| DUHAGIAR T. | Il-faraġ tas-Skiet | ,, | 61-62 |
| CASOLA A. | Ittra mill-kamp tal-battalja | ,, | 61-62 |
| CHETCUTI Ġ. | Xitwa | ,, | 61-62 |
| ,, | Xħin iddoqq il-qampiena | ,, | 61-62 |
| ,, | Marija | ,, | 65-66 |
| ,, | U jekk ma tidħakx... | ,, | 65-66 |
| ,, | Il-personalità fir-rumanz Malti | ,, | 67-68 |
| ,, | Żewgt idwal | ,, | 71 |
| G DIACONO | L-Ixkora | ,, | 72 |
| BEBONO K. | Miġnuna | ,, | 61-62 |
| ,, | Il-qampiena ta' S. Anġlu | ,, | 63-64 |
| DUN KARM | B'dana kollu... | ,, | 61-62 |
| GATT Ġ. | It-tagħlim f'Malta | ,, | 69-70 |
| ,, | ,, ,, | ,, | 72 |
| MEJLAK M. | Is-sajf ta' S. Martin | ,, | 69-70 |
| MIFSUD BONNICI C. | Quddiem Ġesù msallab | ,, | 71 |
| MIFSUD BONNICI RIK. | Iċ-ċaħda trid minna | ,, | 61-62 |
| ,, | Alla faraġ il-bniedem | ,, | 65-66 |
| ,, | Il-ħrafa tal-muntun | ,, | 65-66 |
| MIFUD BONNICI P.P. | Il-għarbiel u d-dqiq | ,, | 63-64 |
| PISANI Ġ. | Zewġ imperi | ,, | 65-66 |
| ,, | Tifkira tar-Rebħa l-Kkira | ,, | 67-68 |
| ,, | Tifkira ta' Temi Zmmit | ,, | 69-70 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| PISANI Ġ | Marsalforn | Għadd | 71 |
| ,, | Għanja | ,, | 72 |
| PORTELLI W. | Ittra | ,, | 65-66 |
| Saydon P.P. | Ilsien Malti u Religion Nisranija | ,, | 63-64 |
| ,, | Ġrajja ta' kelma | ,, | 63-64 |
| ,, | Il-Kotba Mqaddsa bil-Malti | ,, | 63-64 |
| ,, | Tagħrif żgħir | ,, | 65-66 |
| ,, | Ismijiet ta' bliet, irħula... | ,, | 67-68 |
| VASSALLO A. | L-Id mejta | ,, | 61-92 |
| ,, | M. Ernest Valdemar | ,, | 71 |
| VASSALLO K. | Teħux ħsieb | ,, | 63-64 |
| ,, | Vanġelu ieħor | ,, | 71 |
| ,, | Ħabbejt u ma tjassartx | ,, | 71 |
| ,, | Kollu għalxejn | ,, | 67-68 |
| VELLA K. | Xbejba bidwija | ,, | 72 |
| VELLA HABER | L-ewwel tqarbina | ,, | 65-66 |


## ĦAREĠ

## KTIEB IS-SLATEN

li hu d-disa' wieħed mill-Kotba Mqaddsa maqlubin bil-Malti minn Dun P.P. Saydon.

**Tisħib**

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena.
Kopja wahda sold
Ghal barra minn
Malta id-doppju.

**Ghat-Tishib u bejgh morru ghand id-Ditta**
**A. C. AQUILINA & Co.**
**58D Strada Reale, Valletta.**